MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru 215/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Roderick Agius)

**vs.**

**Charlot Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Charlot Camilleri, bin Emanuel u Rose nee' Borg, imwieled il-Pieta fit-28 ta' Dicembru 1981 u residenti 204, Triq Sammat, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 39582M, akkuzat talli;

F'dawn il-gzejjer bejn il-25 ta' Jannar 2012 u t-2 ta' Frar 2012, ikkommetta serq ta' ghaxar kaxxi "showergel" li l-valur ma jaqbizx il-mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u erbgha

u disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa aggravat bil-persuna ghad-detriment ta’ ACH LTD.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f’dawn il-proceduri u l-fedina penali tal-istess imputat (li hija wahda nadifa).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(d) u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------